**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-30 ta' Gunju 2022**

Kaz Nru: 455/13

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**LESLIE FARRUGIA**

**(ID No. 202492(M))**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Leslie Farrugia**, ta' 20 sena, imwieled il-Pieta' nhar id-9 t'April 1992, iben missier mhux maghruf u Mary Grace nee' Farrugia, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 202492(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Frar 2013 u fiz-zmien ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art. 8(a) tal-kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligjiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-

droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imnsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll;

3. Minghajr l-awtorita' legittima, dahhal jew ipprova idahhal f'xi parti ta-konfini ta' habs u cioe' fil-Forensic Ward tal-Isptar Monte Carmeli, oggett ikun li jkun li hu projbit skont xi regolamenti maghmula skont l-Att dwar il-Habs li hu specifikament medicina perikoluza u kontrollata (droga Cannabis), bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess Ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021 kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn dina l-Qorti diversament preseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghat-22 ta' Frar 2013 meta Adrian Zammit irraporta lill-ufficjali tad-detenzjoni gewwa l-Forensic Ward fl-isptar Monte Carmeli, li iktar kmieni, l-qua imputat, Leslie Farrugia kien offrielu sustanza illecita b'mod specifiku 'smoke'. In segwietu ghal dan ir-rapport, SCO Frank Borg flimkien ma PC1559 Charles Muscat hadu lil Leslie Farrugia fix-*showers* bil-ghan li ssirlu *strip search*. Hekk kif ser jibdew din it-tfittxija huma sabu borza tat-tabakk tal-marka Domingo, zewgt pakketti rizla tas-sigaretti u bicca foil zghira kontenenti sustanza kannella suspettata raza

tal-cannabis. Ittehidlu l-ezami tal-urina, liema ezami rrizulta negattiv ghal sustanzi illeciti. L-ghassa ta' Birkirkara giet infurmata bir-rizultanzi tal-imsemmija tfittxija. Minn hemmhekk il-pulizija infurmat ukoll lill-Magistrat Inkwerenti li min-naha tieghu fetah inkjesta magisterjali.

Illi s-sustanza hawn fuq imsemmija giet elevata u mghoddija lill-espert nominat mill-Magistrat Inkwerenti bil-ghan li janalizza l-istess sustanza, x-Xjenzat Godwin Sammut, li min-naha tieghu kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 062_13_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) sustanza li tigi mill-pjanta Kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' 0.94 grammi. Il-purita' tat-THC fis-sustanza kien ta' cirka 6.0%. Ir-raza tal-Kannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[1]

Mix-xhieda ta' SCO Frank Borg jirrizulta li l-qua imputat kien ittiehed mill-habs ghall-Forensic Ward gewwa l-isptar Monte Carmeli nhar il-15 ta' Frar 2013 ghal methadone.

Illi fix-xhieda tieghu, Farrugia, fl-ebda mument ma jikkontesta l-fatti hawn fuq imsemmija madanakollu jispjega li s-sustanza li giet elevata minn fuq il-persuna tieghu huwa qatt ma kien ra qabel u li ma kinitx tieghu. Sabiex jispjega kif l-imsemmija sustanza nstabet fic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija, huwa qal li ftit gimghat qabel huwa kien go cella wahdu meta gie infurmat li ridt necessarjament immur go cella ohra li kien ha jaqsamha ma numru ta' inmates ohra. Huwa spjega kif dawn l-inmates l-ohra ma riduhx.

Illi preliminarjament issir referenza ghat-talba tad-difiza maghmula fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2022 permezz ta' liema talab lil dina il-Qorti tiskarta l-istqarrija rrillaxata mill-imputat. Jibda biex jinghad li fil-kors tal-investigazzjonijiet mill-pulizija, l-qua imputat irrilaxxa stqarrija nhar it-23 ta' Frar 2013. Qabel ma ttiehdet din l-istqarrija, Farrugia ikkonsulta ma' Prokuratur Legali ta' fiducja tieghu. Madanakollu jirrizulta li b'mod car li l-qua imputat ma giex offrut id-dritt ghall-assistenza legali waqt it-tehid tal-istess stqarrija u dana fid-dawl tal-ligi vigenti dak iz-zmien li kienet tippermetti biss l-assistenza legali qabel it-tehid tal-istqarrija. Il-guriprudenza lokali ricenti fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju qed tistrieh fuq l-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Phillipe Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, li kien jitratta ukoll sitwazzjoni fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u fejn ma kienx hemm ragunijiet

[1] Fol. 67 tal-atti processwali.

impellenti ghalfejn ma tigiex offruta l-assistenza tal-avukat. F'dan il-pronunzjament il-Qorti adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq u ddikjarat li l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha.

*"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... "*

*121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ... "*

*... ... ... "139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.*

*"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*

*"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

*"144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached.*

*However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*"145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer*[2] *(see Ibrahim and Others, ... § 265).......*

*"147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.......*

*"150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

[2] Emfazi ta' dina l-Qorti

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter; "*

*(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

Fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Sammut** (16 ta' Frar 2022), saret referenza ghas-sentenza hawn fuq citata ta' Bueze vs. Belgium u ddikjarat:

> *"12. Illi f'dan il-kwadru ta' fatti, huwa indubitat illi l-istqarrija pre-trial magħmula mill-appellat, kif sussegwentement minnu ġġuramentata, hija prova determinanti f'dan il-proċess penali u dan għaliex din hija inkriminatorja. L-appellat fil-mument li kien arrestat jidher li kien ferm vulnerabbli, għalkemm kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti kien raġel matur ta' tmienja u għoxrin sena. Kien konfuż, u anzjuż. ...*
>
> *13. Illi dan kollu seħħ, kif ingħad, u kif anke stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, meta l-appellat ma kellu ebda dritt li jiddefendi ruħu permezz ta' xi forma ta' assistenza legali, bit-twissija li tingħata tkun dik vigenti skont il-liġi f'dak iż-żmien, u injar mill-konsegwenzi tal-mod kif kien qiegħed iwieġeb għal mistoqsijiet li kienu qed isirulu, seta' inkrimina ruħu u dan mingħajr ma kellu dik id-difiża adegwata. Dan jista' jisarraf f'preġudizzju irrimedjabbli għall-appellat għalkemm fl-Istruttorja kien debitament assistit kif ukoll fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu l-opportunita' iressaq id-difiża tiegħu. Illi allura, għalkemm l-istqarrija tad-09 ta' Settembru 2009 kienet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu huwa indubitat illi din il-prova li ittieħdet meta l-appellat ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu, hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellat wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għarretta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid ikun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija rilaxxata*

*millappellat lil pulizija, u ftit tal-ħin wara ġġuramentata quddiem l-Inkwirenti, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellat ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq f'mument meta huwa kien vulnerabbli, u ma kienx assistit, kif indikat iktar 'il fuq, u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan ilkaż, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu blebda mod ikunu sanati anke jekk l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija magħmula mill-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din ilQorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat malpregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellat f'każ li l-istess tkun ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha."*

Minn qari tal-istqarrija tal-qua imputat jirrizulta li l-istess imputat inkrimina lilu nnifsu fir-rigward tal-uhud mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu. Tant li wahda mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat tistrieh unikament fuq l-istqarrija rrilaxxata minnu. Ghaldaqstant indubbjament jirrizulta li d-dikjarazzjonijiet li ghamel fl-istqarrija tieghu ppregudikaw id-difiza tieghu b'mod irrmedjabbli.

Ghaldaqstant dina l-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi migbura u l-gurisprudenza ricenti relatata mal-valur probatorju li hija ghandha taghti l-istqarrija mehuda f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analizi tal-*overall fairness* tal-proceduri, ma hijiex tal-fehma li jkun opportun li tistrieh fuq l-istqarrijiet tal-qua imputat, sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet odjerni u ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tiskarta l-istess stqarrija fl-intier taghha.

Fit-tieni lok, din il-Qorti ser tindirizza l-lanjanza mqajjma mill-abbli difensur fir-rigward ic-*chain of evidence*. L-abbli difensur jargumenta li dina l-Qorti ghandha tiskarta l-prova tas-sustanza galadarba l-istess sustanza ma gietx ikkonservata gewwa evidence bag fil-prezenza tal-imputat innifsu. In sostenn ta' din it-tezi, s-suspettat jaghmel referenza ghall-proces verbal, partikolarment a fol. 31 tal-atti processwali li jirriproduci estratt mir-relazzjoni tal-ufficjali tax-xena tar-reat – PS 644 Evan Camilleri u PC637 Kevin Manicolo. F'dan ir-rigward fir-relazzjoni taghhom l-imsemmija ufficjali tax-xena tar-reat jispjegaw:

*"Illi hekk kif l-esponenti waslu fuq il-post imsemmi, l-ispettur J. Ransley ghadda lill-esponent PS644 Evan Camilleri pakkett tabakk "Domingo", ftit tabakk, tmien filters, zewg pakketti*

*lubretti 'Rizla' u bicca foil b'sustanza skura fiha. Dawn l-oggetti gew elevati, u ssigillati gewwa evidence bag numru S00084834 u ddokumentati skond il-Kodici tal-Laboratorju Forensiku bhala 13 ANN 201. L-esponent PS 644 flimkien ma' l-ispettur Ransley iffirmaw fuq is-sigill ta' l-istess borza. Dan il-process sar fil-prezenza ta' l-Avukat V. Ciliberti, filwaqt li l-esponent PC 637 Kevin Manicolo gibed ir-ritratti necessarji."*[3]

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ewwel lok irid necessarjament isir distinzjoni bejn chain of evidence u l-fatt li l-evidenza tigi elevata fil-prezenza tal-imputat bil-ghan li l-istess imputat ikollu kontroll fuq dik l-istess evidenza. Mill-atti processwali, senjatament mill-provi mressqa, jirrizulta li s-sustanza giet elevata minn fuq l-imputat minn SCO Frank Borg. PC 1559 Charles Muscat li kien prezenti ghall-istess tfittxija bil-gurament jghid:

"*Pros:* *Il-borza tat-tabakk fejn kienet?*

*Xhud:* *Fil-but tal-gakketta. Waqt li l-Maggur staqsieh, qallu din x'inhi u Leslie qallu dik mhix tieghi. Taha lili, qlajt bicca zghira mill-foil, ftahtha u deher li kien fiha oggett solidu ta' kulur kannella skur. Ergajt staqsejtu jien u ghidtlu din x'inhi u qalli dk mhix tieghi u nfurmajna lill-Awtoritajiet koncernati.*

*Qorti:* *U dan l-oggett li sibtu x'ghamiltu bih?*

*Xhud:* *Ergajna ghalaqna kollox kif kien u nfurmajna lill-awtoritajiet tal-habs.*

*Qorti:* *U ghaddejtuh lil min?*

*Xhud:* *Gew tal-fotografija jekk mhux sejjer zball u elevaw kollox huma.*"[4]

Illi hekk kif inghad iktar 'il fuq, l-ufficjal tax-xena tar-reat, jispjega li kien l-ispettur Ransley (li mar fuq il-post wara li rcieva r-rapport mill-Forensic Ward gewwa l-isptar Monte Carmeli) li ffirma l-evidence bag relevanti. Din il-Qorti ma tara xejn hazin li droga ghaddiet f'idejn l-ispettur u dan ghaddieha lill-espert nominat mill-Magistrat Inkwerenti galadarba hija l-ligi stess li taghti lill-ufficjali tal-pulizija s-setgha u d-dmir li jikkonservaw l-oggetti relatati ma reat kriminali. F'dan is-sens l-artikolu 357 tal-Kodici Kriminali li jistipula:

*357. Meta uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva jikxef armi, dokumenti, traċċi jew sinjali jew ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam mar-reat, hu għandu jfittex li jistabbilixxi u jiżgura l-eżistenza tagħhom u li jżommhom fl-istat li jkun sabhom, sakemm jagħmel ir-rapport tiegħu lill-Qorti tal-Maġistrati, u, jekk*

[3] Fol. 75 tal-atti processwali.
[4] Fol. 85 tal-atti processwlai.

*ma jkunx jista' jistabbilixxi u jiżgura din l-eżistenza jew jekk ma jkunx jista' jżommhom, għandu josserva l-istess proċedura li hemm għar-"reperti ".*

Ghaldaqstant ma hemm xejn hazin li l-ispettur Ransley ra li l-oggetti elevati jigu kkonservati hekk kif xieraq tant li nforma lill-Magistrat Inkwerenti bil-ghan li tinfetah inkjesta magisterjali ghall-konservazzjoni tal-evidenza. Di piu' r-ritratti mehuda huma konsistenti ma dak deskritt mix-xhieda bhala li gie elevat mill-pussess tal-qua imputat. Jigi nnotat ukoll li fil-kontro-ezamijiet li saru lix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma giet qatt attakata *chain of evidence*. Ghaldaqstant fil-fehma ta' dina l-Qorti ma jezisti l-ebda dubbju li l-oggetti elevati minn fuq il-qua imputat huma effettivament l-oggetti li gew analizzati mix-xjenzat Godwin Sammut u dana wara li gew ikkonservati taht l-osservanza t'awtorita' gudizzjarja u dana stante li gew ikkonservati minn esperti mahtura ghal dan l-iskop mill-Magistrat Inkwerenti.

Fir-rigward tal-necessita' tal-prezenza tal-imputat waqt il-konservazzjoni tal-istess oggetti elevati, ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet: Ir-Repubblika ta' **Malta vs. Mark sive Marco Pace**, fejn l-akkuzat kien qed jilmenta mill-mankanza totali ta' kontroll min-naha tal-imputat ghac-chain of evidence galadarba xi evidenza u xoghol iehor forensiku sar fl-assenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta ghar-reat kif ukoll fl-assenza ta' kontroll dirett tal-Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell ddikjarat:

*"12. L-appellant lanqas ma jista' jirnexxi fl-ilment tiegħu dwar il-parti l-oħra ta' l-ewwel eċċezzjoni rigward l-elevazzjoni ta' samples ta' tajn, mingħajr proċessverbal u mingħajr aċċess u mhux fil-presenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat. L-esperti ġew debitament nominati mill-Maġistrat Inkwirenti b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2004.7 L-esperti tax-xena tar-reat (sceneof-crime officers) wettqu l-inkarigu tagħhom skont dik in-nomina. Għalhekk huma elevaw u ppreservaw kull evidenza forensika, u hejjew ir-relazzjoni taghhom (Dok. XF a fol. 663) fejn spjegaw b'mod dettaljat ix-xogħol li kienu għamlu sabiex jiġi preservat iċ-chain of evidence.*

*13. L-appellant jilmenta, pero`, li dan ix-xogħol ma sarx fil-presenza ta' min kien suspettat. L-ewwelnett jingħad illi fi stadju ta' investigazzjoni ta' delitt, mhux dejjem ikun hemm mill-ewwel persuna suspettata. Fi kwalunkwe każ, il-preservazzjoni ta' provi trid issir without delay. Imbagħad f'dan il-każ, ix-xogħol sar fil-kuntest ta' inkjesta maġisterjali. Tista' hawn issir referenza għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Il-* ***Pulizija v. Joseph Ignatius Fenech*** *mogħtija fil-21 ta' Mejju 2008:*

*"Issa, il-periti jigu maghzulin mill-Qorti jew mill-Magistrat Inkwirenti f'dawk il-kazijiet li fihom ikun jehtieg hila jew sengha specjali. Huma maghzulin minn fost nies li l-Qorti jew il-Magistrat Inkwirenti jidhrilhom li ghandhom il-kompetenza necessarja fil-qasam li fih tkun mehtiega dik il-hila jew sengha specjali. Certu xoghol irid isir f'laboratorji attrezzati biex isiru l-esperimenti u l-analizi li jkun hemm bzonn. Ghalhekk persuna suspettata jew imputata jew akkuzata ma tistax tippretendi li tkun prezenti waqt li qeghdin isiru tali esperimenti jew analizi li normalment jirrikjedu hinijiet twal ta' xoghol u koncentrazzjoni u anke ta' stennija. "*

*Imbaghad id-dritt ta' persuna imputata jew akkuzata li tkun prezenti ghall-proceduri kriminali tfisser precizament hekk, il-prezenza taghha waqt il-proceduri kriminali fejn ikollha dritt tikkontrolla kemm lix-xhieda kif ukoll il-periti. Lartikolu 653(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi li:*

*'Il-periti, meta jispiccaw ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha taghhom, ghandhom jaghmlu bil-fomm jew bil-miktub ir-rapport taghhom, skond id-direzzjonijiet tal-Qorti.'*

*Inoltre s-subartikolu (2) jipprovdi li:*

*'Irrapport ghandu f'kull kaz isemmi l-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom il-periti jkunu ibbazaw il-fehma taghhom.'*

*Barra minn hekk l-artikolu 655 jghid:*

*'Kull wahda mill-partijiet, il-qorti, u, fil-kazijiet ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, kull wiehed mill-gurati, jistghu jitolbu mill-periti tifsir ahjar fuq ir-rapport taghhom, kif ukoll fuq dak li jidhrilhom li jista' jaghmel aktar cara l-fehma tal-periti.'*

*B'dan il-mod l-imputat jew l-akkuzat ghandu l-mod kif jista' jikkontrolla x-xoghol li jkun sar mill-periti. Izda l-ligi tmur oltre u tissalvagwardja lill-imputat jew l-akkuzat billi tipprovdi fl-artikolu 656:*

*'Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra lperswazjoni tieghu.'*

*14. Għalkemm ma tqajmitx kwistjoni dwar l-imparzjalita` o meno tas-scene-ofcrime officers, tajjeb li ssir referenza wkoll għad-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn intqal:*

*19 "Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above,*

*p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above). "Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."*

*15. Imbagħad xogħol is-scene-of-crime officers kien sabiex jippreservaw levidenza permezz ta' ritratti, elevar ta' oġġetti u kampjuni u preservar ta' listess u mhux biex janaliżżawhom. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, l-appellant ma jistax jirnexxi fl-ilmenti tiegħu.*

*16. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.*

Ghaldaqastant fid-dawl ta' dawk hawn fuq espost, fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 357 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri), dina l-Qorti ma tara xejn li ghandha tissanzzjona ghal dak li jirrigwarda chain of evidence.

Stabbilit dawn il-principji, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tanalizza ir-responsabilita' kriminali tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

<u>L-ewwel Imputazzjoni</u>

Illi ma jidhirx li huwa kontestat bejn il-partijiet li s-sustanza illecita instabet fil-pussess fiziku tal-qua imputat. Filfatt hekk kif jixhdu kemm SCO Frank Borg kif ukoll PC1559 Charles Muscat jidher li waqt tfittxijiet fuq il-persuna ta' Farrugia huwa instab *flagrante delicto* fil-pussess ta' sustanza li wara li giet analizata mix-xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li kienet is-sustanza raza tal-Cannabis fl-ammont ta' 0.94 grammi. Dak li qed jikkontesta l-qua imputat huwa l-element formali u cioe' x-xjenza li kien fil-pussess tal-imsemmija sustanza cannabis. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti huwa jsostni li din is-sustanza ma kinitx tieghu u li huwa ma kienx jaf biha. Bil-gurament huwa jipprova jispjega li kien jidher li hemm dizgwit ma numru ta' persuni ohra detenuti fl-istess cella, madanakollu x-xhieda tieghu hija nieqsa minn dettalji li jaghmlu din ix-xhieda kreddibli. Fix-xhieda tieghu stess, l-imputat jispjega bil-gurament x'kienet ir-reazzjoni tieghu ftit mumenti qabel

instabet is-sustanza illecita meta l-ufficjal ta' detenzjoni beda jfittex fil-borza tat-tabakk.

> *"... Fuq il-but. Fil-but fejn inzommu is-sigaretti. Harigli l-borza tat-tabakk u beda jqalleb fiha. Jqalleb, iqalleb, ghedtlu, 'Ghaliex qed taghmilli hekk, sir?"*

Din ir-reazzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti turi li l-qua imputat kien ben konsapevoli u xjenti ta' dak li kellu fil-borza tat-tabakk.

Lanqas ma tista tigi njorata xhieda ta' Adrian Zammit li giet mghotija fl-inkjesta magisterjali. Zammit jispjega li huwa kien gie offrut ftit smoke dakinhar stess mill-qua imputat. Ghalkemm l-inkjesta magisterjali giet ezebieta fl-atti processwali odjerni, l-qua imputat qatt ma talab li jaghmel kontro-ezami ta' dan ix-xhud minkejja li kellu kull jedd u opportunita' li jaghmel dan. Ix-xhieda ta' Zammit mhux biss turi li Farrugia kien konsapevoli tad-droga illecita izda adirittura offrieha lil terzi.

Ghaldaqstant tenut kont ta' dan kollu din l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat.

<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda l-pussess xjenti tas-sustanza eroina. Illi din l-imputazzjoni tirrizulta biss mid-dikjarazzjonijiet li ghamel l-imputat waqt l-istqarrija li huwa rrillaxxa lill-pulizija. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li nghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza rigward l-istqarrija, fuq nuqqas ta' provi ohra, dina l-Qorti mhux ser issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

<u>It-tielet imputazzjoni</u>

Permezz ta' din l-imputazzjoni l-qua imputat jinsab akkuzat li dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs oggett projbit, cioe' s-sustanza raza tal-Cannabis. Hekk kif inghad izjed 'il fuq, mill-provi prodotti jirrizulta car li l-qua imputat kien fil-pussess ta' sustanza illecita gewwa l-forensic ward gewwa l-isptar Monte Carmeli. Dan il-post huwa skedat bhala post ta' habs skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 260.02 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu u minkejja li l-imputat kien fil-pussess xjenti tar-raza tal-Cannabis hekk kif inghad iktar qabel f'din is-sentenza, din il-Qorti hija kompletament sprovista minn kwalunkwe prova li kien propjru l-qua imputat innifsu li dahhal dik is-sustanza fil-konfini tal-istess habs.

Piena

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tqis ir-reat li tieghu l-imputat ser jinsab hati kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-istess reat inkluz l-kwantita' u t-tip ta' droga illecita misjuba fil-pussess tieghu. Ser tqis ukoll il-fatt li l-imputat kien f'pussess xjenti tar-raza tal-Cannabis gewwa post skedat bhala post ta' habs. Dan necessarjament jissarraf fl-applikabilita' b'mod tassattiv tad-disposizzjoni 33A tal-Kodici Kriminali[5] kif ukoll ghan-non-applikabilita' tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta[6].

Din l-Qorti ser tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif ukoll il-fatt li l-fatti mertu tal-proceduri odjerni jirrisalu lura ghas-sena 2013. Id-dewmien f'dawn il-proceduri huwa attribwiet liz-zewgt partijiet galadarba l-prosekuzzjoni damet ma ghalqet il-provi taghha l-ghaliex baqghet tistenna lix-xjenzat Godwin Sammut jespleta meta fil-fatt l-istess xjenzat kien gia espleta fl-atti tal-inkjesta magisterjali. Min-naha tieghu l-imputat ukoll attribwixxa ghad-dewmien bin-nuqqas t'attendenza tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali, qed tillibera lill-qua imputat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issib lill-istess imputat, Leslie Farrugia, hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghal perjodu ta' hames xhur prigunerija effettiva.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qed tordna lill-imputat sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez Eur. 788. 44 rapprezentanzi spejjez relatati ma hatra t'esperti fil-proceduri odjerni.

[5] *33A.(1) Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw.*

[6] Fil-fatt l-artikolu 13 tal-imsemmi Kapitolu jistipula:

> *13. Dan l-Att m'għandux japplika:*
> *(a) …; jew*
> *(b) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva*.

Fl-ahhar net il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**